**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 5 ta' Marzu, 2021**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Roderick Attard)**

**vs**

**Anthea Tabone**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Anthea Tabone detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 480943M akkuzata talli gewwa l-fond 96 Escargot Triq San Luqa Zurrieq fis-6 ta' Jannar, 2019 hall-habta tal-hdax ta' billejl:

1. Minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja f' periklu car, ikkagunat ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Sylvester Grech hekk kif

iccertifika Dr John Paul Tabone (Med Reg 301), liema persuna huwa l-eks mahbub u koabitant ta' Anthea Tabone.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog Ordni ta' Protezzjoni a favur ta' Sylvester Grech u l-familja tieghu ai termini tal-Artikolu 412C ta-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f' kaz ta' htija ma' kull piena li Qorti jidrilha xierqa.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 9 ta' Jannar, 2019 (esebit a fol. 2 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat

Illi l-fatti speci ta' dan il-kaz jirrigwardaw offiza hafifa fuq il-persuna ta' Sylvester Grech. Fit-8 ta' Jannar 2019 l-imputata rrapurtat li fis-6 ta' Jannar 2019 giet aggredita mill-gharus taghha  Sylvester Grech[1]. Fl-istqarrija taghha tat-8 ta' Jannar 2019 (a fol 29 sa 31 tal-atti processwali) stqarret li hi u l-parte

[1] Rapport esebit a fol 9 sa 13 tal-atti processwaliuma

civile kellhom dizgwid dwar gizirana. Hi bdiet tghajjat mal-parti civili u meta semmietlu lit-tifel tieghu u huwa beda jaghtiha u jsabbatha mal-art waqt li hi bdiet tigirfu fejn huwa mbaghad rikeb fuq sidirha b'irkuptejh sabiex izommilha n-nifs. Wara li kien sawwatha l-imputata qabdet sikkina sabiex tbezzghu biha u meta Grech rega' mar jattakaha hija halliet is-sikkina fuq il-mejda u l-imputat mar fil-kamra tieghu u wara ftit habbat il-bieb fejn kienu l-Pulizija sabiex jassistuha izda hija rrifjutat tali assistenza. Fl-udjenza tas-6 ta' Marzu 2020 l-imputata xehdet (a fol 98 sa tal-atti processwali) li s-sikkina haditha sabiex tiddefendi ruhha mill-parte civile izda ma laqtitux biha u lanqas il-hwejjeg tieghu u esebiet zewg pen drives b'ritratti, screenshots u voice clips ta' theddid da parti tal-parte civile. Fl-udjenza tad-19 ta' Gunju 2020 xehed Dr Ramon Scerri (a fol 117 sa 118 tal-atti processwali) fejn qal li huwa ezamina lill-imputata fiss-7 ta' Jannar 2019 u kkonstata tbengil u nefha mad-dawra tal-ghajn ix-xellugija, fuq quddiem ta' sidirha u rasha. In-natura tal-griehi kienu hfief.

L-Ispettur Roderick Attard prezenta s-sikkina u r-ritratti tal-istess sikkina fl-udjenza tal-10 ta' Mejju 2019 a fol 48 tal-atti processwali li turi li s-sikkina hija twila bejn 19.5 u 20centimetru.

Il-parte civile Sylvester Grech xehed fl-udjenzi tal-19 ta' Mejju 2019 u t-22 ta' Novembru 2019 (a fol 49 sa 64 u 80 sa 84 tal-atti processwali) fejn huwa qal li l-imputata bdiet twahhal fih u f'ibnu li hadulha l-gizirana. Hu cahad li kien hadilha tali gizirana u cempel lill-ibnu li cahad ukoll. Grech isostni li malli hu beda miexi lejn il-kamra tas-sodda, l-imputata harget sikkina safra mill-kexxun tal-kcina u bdiet tferfer is-sikkina u qattatlu l-flokk, hu mbuttaha, il-bieb tal-box room infetah bihom u huma waqghu mal-art u l-imputata dahlet zewgt idwiefer f'wiccu. Fit-8 ta' Jannar 2019 il-Pulizija haduh il-polyclinic fejn

gie ccertifikat li kien qieghed isofri minn griehi ta' natura hafifa skond ic-certifikat esebit a fol 7 u 8 tal-atti processwali. Giet esebita pjanta li turi fejn tinsab il-boxroom, il-flokk u ritratt tieghu imqatta fejn jidher ukoll il-griehi fuq haddejn Grech u ritratti tal-fond. Dr John Tabone xehed fl-udjenza tal-5 ta' Lulju 2018 (a fol 67 sa 69 tal-atti processwali) fejn spjega li l-parte civile kellu barxa ta' centimetru taht ghajnejh il-leminija, tbengila ta' tlett centimetri fuq il-qasba ta' siequ l-leminija u grif zghir fuq in-naha ta' wara tat-tieni u l-hames subgha ta' idu x-xellugija u kkonferma c-certifikat mahrug minnu esebit a fol 7 tal-atti processwali.

Ikkunsidrat:

Minn ezami akkurat tal-provi migjuba mill-partijiet f'dan il-kaz jirrizulta li din Il-Qorti ghandha quddiemha zewg verzjonijiet pjuttost kunfliggenti dwar kif svolgiet il-glieda de quo fejn filwaqt li hemm qbil li sehhet glieda bejn il-partijiet hemm diskrepanza assoluta dwar kif svolgiet l-istess glieda.

Il-Qorti tqis li l-verzjoni tal-imputata ghandha aktar mis-sewwa. Filwaqt li m'hemm l-ebda dubju li l-griehi sofferti mill-parte civile saru waqt il-glieda bejnu u l-imputata, il-verzjoni tal-imputata dwar id-dinamika tal-incident hija aktar verosimili u dan apparti li l-verzjoni taghha baqghet kostanti kemm fl-istqarrija, f'dak li qalet lill-Pulizija u anke fix-xhieda taghha quddiem din il-Qorti. L-imputata stess ammettiet minnufih li wzat sikkina u li l-griehi f'wicc l-imputat ghamlithom hi stess. L-imputata izda dejjem qalet li wzat is-sikkina sabiex tbezza lill-parte civile izda tghid li ma ghamlitx uzu minnha. Minn naha l-ohra l-parte civile jghid li l-imputata bdiet ixxejjirha u anke qattatlu l-flokk biha hekk kif jidher mir-ritratt esebit minnu stess. Huwa kemmxejn difficli li

wiehed jemmen li l-imputata ghamlitlu ticrita mdaqqsa fil-flokk li jidher fir-ritratt a fol 90 minghajr ma sofra l-ebda griehi f'ghonqu jew fil-madwar tat-ticrita.

In kwantu ghal griehi sofferti mill-imputat konsistenti f'barxa ta' centimetru taht l-ghajn il-leminija, tbengila ta' tlett centimetri fuq il-qasba tal-lemin u grif zghir fuq in-naha ta' wara tat-tieni u l-hames subgha ta' idu x-xellugija, dawn jikkwalifikaw bhala griehi ta' natura hafifa.

Sabiex wiehed jitkellem minn legittima difesa, wiehed irid isib ruhu f'cirkostanza ta' perikolu attwali li jkun wiehed kontra l-ligi, gravi u inevitabbli. Huwa oramai principju stabbilit li sabiex tissussisti l-linja difensjonali tal-legittima difesa irid ikun hemm perikolu minaccjat liema perikolu ghandu jkun ingust, gravi u inevitabbli. Il-Professur Mamo jghid:

> "The act of defence must have been done only in order to avoid consequences which, if they had followed would have inflicted upon the person "irreparable" evil and the law considers as "irreparable" and consequently grave, that evil which threatens the life, the limbs, the body or the chastity of an individual. The gravity of the aggression must be understood in relation to the defensive reaction and to the means at the disposal of the agent."

Hekk inghad fis-sentenza Il-Pulizija vs Toni Micallef, ir-rekwizit tal-gravita' jesigi certa proporzjoni bejn l-offiza u r-reazzjoni. Biex l-imputat ikun jista' jigi gustifikat ghal kollox fid-Difiza legittima huwa m'ghandux jaddotta metodi li huma in eccess jew sproporzjonati ghall-aggressjoni jew minaccja ta' perikolu.

Jirrizulta li l-parte civile sofra griehi ta' natura hafifa hekk kif inghad aktar 'l fuq. Il-griehi sofferti mill-imputata kienu konsistenti fi tbengila u nefha mad-dawra tal-ghajn tan-naha tax-xellug, fuq sidirha u rasha. Dawn il-griehi partikolarment dawk fuq sidirha jaqblu mal-verzjoni taghha fejn tghid li l-parte civile pogga irkopptu fuq sidirha sabiex jaqtalha n-nifs. In vista tad-dinamika tal-incident u l-griehi sofferti kemm mill-parte civile u mill-imputat, il-Qorti tqis li l-imputata agixxiet in legittima difesa u li l-istess difiza adottata mill-imputata ma kinitx f'eccess jew sproporzjonata ghal griehi sofferti minnha u c-cirkostanzi li kienet fihom.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tiddikjara lill-imputata mhux hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti taghha u konsegwentement tilliberaha mill-istess imputazzjoni.

**Magistrat**

Graziella Abela

Deputat Registratur